# Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda dwar

# id-Drittijiet ta’ Persuni b’Dizabilita’

## Preambolu

## L-Istati Msiehba ghal din il-Konvenzjoni

(a) *Ifakkru* l-principji tal-Karta tal-Gnus Maghquda li taghraf id-dinjita’ u l-valur intrinsiku u d-drittijiet ugwali u inaljenabbli ta’ kull membru tal-familja umana bhala s-sisien tal-liberta’, il-gustizzja u l-paci fid-dinja,

(b) *Jaghrfu* li l-Gnus Maghquda, fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Umani u l-Ftehim Internazzjoni dwar id-Drittijiet Umani, ipprokklamat u qablet li kulhadd hu intitolat ghad-drittijiet u l-libertajiet li hemm fihom, minghajr ebda diskriminazzjoni ta’ kull xorta,

(c) *Jirriaffermaw* l-universalita’, l-indivizibilita’, l-interdipendenza u l-mod kif dawn jirrelataw ma’ xulxin, tad-drittijiet umani kollha u l-libertajiet fundamentali u l-bzonn li kull persuna b’dizabilita’ tkun iggarantita t-tgawdija shiha taghhom minghajr diskriminazzjoni,

(d) *Ifakkru* l-Ftehim Internazzjonai dwar id-Drittijiet Ekonomici, Socjali u Kulturali, il-Ftehim Internazzjonali dwar id-Drittijiet ~ivili u Politici, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta’ Kull Forma ta’ Diskriminazzjoni Razzjali, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta’ Kull Forma ta’ Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, il-Konvenzjoni kontra t-Tortura, Trattament jew Kastig Krudili, Inuman u Degradanti , il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Haddiema Immigranti Kollha u l-Membri tal-Familji Taghhom,

(d) *Jaghrfu* li d-dizabilita’ hi kuncett li dejjem qed jevolvi u li d-dizabilita’ tirrizulta mir-relazzjonijiet bejn il-persuni b’nuqqasijiet differenti u l-ostakli ta’ attitudnijiet u (?) ambjentali li jtellfu milli huma jippartecipaw b’mod shih fis-socjeta’ fuq bazi ugwali bhall-ohrajn,

(f) *Jaghrfu* l-importanza tal-principji u l-linji gwida dwar il-*policy* li hemm fil-Programm Dinji ta’ Azzjoni dwar il-Persuni b’Dizabilita’ u r-Regoli Standard ghal Opportunitajiet Indaqs ghal Persuni b’Dizabilita’ li jinfluwenzaw il-promozzjoni, il-formulazzjoni u l-evalwazzjoni ta’ *policies*, pjanijiet, programmi u azzjonijiet fil-livelli nazzjonali, regjonali u internazzjonali biex ikabbru l-opportunitajiet indaqs ghal persuni b’dizabilita’,

(g) *Jenfassizzaw* l-importanza li l-oqsma tad-dizabilita’ jkunu *mainstreamed* bhala parti integrali mill-istrategiji relevanti ghal zvilupp sostenibbli,

(h) *Jaghrfu wkoll* li diskriminazzjoni kontra persuna minhabba d-dizabilita’ hi vjolazzjoni tad-dinjita’ u l-valur intrinsiku tal-persuna umana,

(i) *Jaghrfu* aktar id-diversita' tal-persuni b'dizabilita'

(j) *Jaghrfu* l-bzonn li jippromovu u jipprotegu d-drittijiet umani ta' kull persuna b'dizabilita', inkluzi dawk li ghandhom bzonn sapport intensiv,

(k) *Imhassbin* li, minkejja dawn l-instrumenti u ftehim varji, persuni b'dizabilita' ghadhom jiffaccjaw ostakli biex huma jippartecipaw bhala membri ugwali fis-socjeta' u vjolazzjonijiet tad-drittijiet umani taghhom f'kull parti tad-dinja,

(l) *Jaghrfu* l-importanza tal-koperazzjoni internazzjonali biex jitjiebu l-kundizzjonijet tal-hajja ta' persuni b'dizabilita' f'kull pajjiz, partikularment dawk fil-pajjizi li qed jizviluppaw,

(m) *Jaghrfu* l-valur ezistenti u potenzjali tal-kontribuzzjonijiet maghmula minn persuni b'dizabilita' ghal hajja tajba b'mod generali u ghad-diversita' fil-komunitajiet taghhom, u li l-promozzjoni tat-tgawdija shiha minn persuni b'dizabilita' tad-drittijiet umani taghhom u tal-libertajiet fundamentali taghhom u tal-partecipazzjoni shiha minn persuni b'dizabilita' jwasslu biex huma jhossuhom aktar parti mis-socjeta' u biex ikun hemm avvanzi sinifikanti fl-izvilupp uman, socjali u ekonomiku tas-socjeta' u biex jinqered il-faqar,

(n) *Jaghrfu* l-importanza li persuni b'dizabilita' jkollhom l-awtonomija u l-indipendenza individwali, inkluz il-liberta' li jaghmlu l-ghazliet taghhom infushom,

(o) *Jikkunsidraw* li persuni b'dizabilita' ghandu jkollhom l-opportunita' li jkunu involuti b'mod attiv fil-processi tat-tehid tad-decizjonijiet dwar *policies* u programmi, inkluz dawk li jolqtuhom direttament,

(p) *Imhassba* dwar il-kundizzjonijiet difficli li qed jiffaccjaw persuni b'dizabilita' li huma soggetti ghal forom multiplici u aggravati ta' diskriminazzjoni minhabba razza, kulur, sess, lingwa, religjon, politika jew opinjonijiet ohra, origini nazzjonali, etnika, indigena jew socjali, propjeta', twelid, eta' jew status iehor,

(q) *Jaghrfu* li nisa u bniet b'dizabilita' spiss huma f'riskju akbar, kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar, ghal vjolenza, hsara fizika jew abbuz, trattament negligenti jew abbandun, maltrattament jew esplojtazzjoni,

(r) *Jaghrfu* li t-tfal b'dizabilita' ghandu jkollhom it-tgawdija shiha tad-drittijiet umani kollha u l-libertajiet fundamentali fuq bazi ugwali ta' tfal ohra, u ghal dan il-ghan jiftakru l-obbligazzjonjiet li hadu l-Istati Msiehba fil-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal,

(s) *Jenfasizzaw* il-bzonn li jinkorporaw perspettiva dwar il-generu f'kull sforz li jsir biex jippromovu t-tgawdija tad-drittijiet umani u l-libertajiet fundamentali tal-persuni b'dizabilita',

(t) *Jenfasizzaw* il-fatt li l-maggoranza tal-persuni b'dizabilita' jghixu f'kundizzjonijiet ta' faqar, u f'dan ir-rigward jirrikonoxxu l-bzonn kritiku li jigi indirizzat l-impatt negattiv li l-faqar ghandu fuq persuni b'dizabilita',

(u) *Izommu f'mohhhom* li l-kundizzjonijiet ghall-paci u s-sigurta' bbazati fuq ir-rispett shih ghall-ghanijiet u l-principji li jinsabu fil-Karta tal-Gnus Maghquda u l-osservanza ta' l-istrumenti applikabbli dwar id-drittijiet umani huma indispensabbli ghall-protezzjoni shiha tal-persuni b'dizabilita', b'mod partikulari waqt kunflitti armati jew okkupazzjoni barranija,

(v) *Jaghrfu* l-importanza ta' l-accessibilita' ghal ambjent fiziku, socjali, ekonomiku u kulturali, ghas-sahha u l-edukazzjoni u ghall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, biex jaghtu l-poter lill-persuni b'dizabilita' li jgawdu b'mod shih id-drittijiet umani u l-libertajiet fundamentali kollha,

(w) *Jirrealizzaw* li l-individwi, li ghandhom dmirijiet lejn l-ohrajn u lejn il-komunita' li taghha huma membri, ghandhom ir-responsabilita' li jahdmu biex jippromovu u josservaw id-drittijiet rikonoxxuti fl-Att Internazzjonali dwar id-Drittijiet Umani,

(x) *Konvinti* li l-familja hi l-unita' ta' grupp fundamentali u naturali tas-socjeta' u li hi intitolata ghall-protezzjoni mis-socjeta' u mill-Istat, u li l-persuni b'dizabilita' u l-membri tal-familji taghhom ghandhom jircievu l-protezzjoni u l-assistenza necessarja biex jaghtu sahha lill-familji biex jikkontribwixxu ghat-tgawdija shiha u ugwali tad-drittijiet tal-persuni b'dizabilita',

(y) *Konvinti* li konvenzjoni internazzjoni komprensiva u integrali biex tippromovi u tipprotegi d-drittijiet u d-dinjita' ta' persuni b'dizabilita' taghmel kontribuzzjoni sinifikanti biex teghleb l-izvantaggi socjali kbar li ghandhom persuni b'dizabilita' u tippromovi l-partecipazzjoni taghhom fl-oqsma civili, politici, ekonomici, socjali u kulturali permezz ta' opportunitajiet indaqs, kemm fil-pajjizi zviluppati kif ukoll f'dawk li qed jizviluppaw,

*Qablu dan li gej:*

**Artiklu 1**
**L-ghan**

L-ghan ta' din il-Konvenzjoni hu li tippromovi, tipprotegi u tassigura t-tgawdija shiha u ugwali tad-drittijiet umani u l-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni b'dizabilita' kollha, u li tippromovi rispett lejn id-dinjita' intrinsika taghhom.

Persuni b'dizabilita' jinkludu dawk li ghandhom nuqqasijiet fizici, mentali, intellettwali jew sensorjali fit-tul, li meta jirrelataw ma' ostakoli varji jistghu jtellfuhom milli jippartecipaw b'mod shih u effettiv fis-socjeta' fuq bazi ugwali bhall-ohrajn.

**Artiklu 2**
**Id-definizzjonijiet**

Ghall-ghanijiet ta' din il-Konvenzjoni:

"Komunikazzjoni" tinkludi lingwi, turija ta' testi, Braille, komunikazzjoni li thoss, tipa kbira, multimidja accessibbli kif ukoll lingwi miktuba, awdjo, lingwa facli,

qarrejja umani u forom awmentattivi u alternativi, mezzi u formati ta' komunikazzjoni, inkluz informazzjoni accessibbli u teknologija tal-komunikazzjoni;

"Lingwa" tinkludi lingwi mitkellma u bis-sinjali u forom ohra ta' lingwi mhux mitkellma;

"Diskriminazzjoni minhabba dizabilita'" tfisser kull distinzjoni, eskluzjoni jew restrizzjoni minhabba dizabilita' li ghandha l-ghan jew l-effett li ttellef jew thassar l-gharfien, it-tgawdija jew l-ezercizzju, fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn, id-drittijiet umani u l-libertajiet fundamentali kollha fl-oqsma politici, ekonomici, socjali, kulturali, civili jew xi qasam iehor. Tinkludi kull forma ta' diskriminazzjoni, inkluz ic-cahda ta' modifikazzjoniet ragonevoli;

"Modifikazzjonijiet ragonevoli" tfisser modifikazzjoniet u tibdil necessarju u xieraq li ma jimponux piz sproporzjonat jew mhux xieraq, fejn dan ikun mehtieg f'kaz partikulari, biex jassiguraw li persuna b'dizabilita' tgawdi jew tezercita fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn id-drittijiet umani u l-libertajiet fundamentali kollha;

"Disinn universali" tfisser disinn ta' prodotti, ambjenti, programmi u servizzi ghall-uzu ta' kulhadd, bl-aktar mod possibbli, minghajr il-bzonn ta' tibdil jew disinn specjalizzat. "Disinn universali" m'ghandux jeskludi apparat assistiv ghal gruppi partikulari ta' persuni b'dizabilita' fejn dan ikun mehtieg.

**Artiklu 3**
**Il-principji generali**

Il-principji ta' din il-Konvenzjoni ghandhom ikunu:

(a) Rispett lejn id-dinjita' intrinsika, l-awtonomija individwali inkluz il-liberta' li wiehed jew wahda jaghmel jew taghmel l-ghazliet tieghu jew taghha, u l-indipendenza tal-persuna;

(b) Non-diskriminazzjoni;

(c) Partecipazzjoni u inkuzjoni shiha u effettiva fis-socjeta';

(d) Rispett ghad-differenza u accetazzjoni tal-persuni b'dizabilita' bhala parti mid-diversita' umana u l-umanita';

(e) Opportunitajiet indaqs;

(f) Accessibilita';

(g) Ugwaljanza bejn l-irgiel u n-nisa;

(h) Rispett lejn il-kapacitajiet li jkunu qed jizviluppaw it-tfal b'dizabilita' biex huma jzommu l-identita' taghhom.

**Artiklu 4**
**Obbligazzjonijiet generali**

1. L-Istati Msiehba jimpenjaw ruhhom li jassiguraw u jippromovu li d-drittijiet umani u l-libertajiet fundamentali kollha jitgawdew minn kull persuna b'dizabilita' minghajr kull tip ta' diskriminazzjoni minhabba dizabilita'. Ghal dan il-ghan, l-Istati Msiehba jimpenjaw irwiehhom:

(a) Li jaddottaw legizlazzjoni xierqa, mizuri amministrattivi u ohrajn biex jimplimentaw id-drittijiet rikonoxxuti minn din il-Konvenzjoni;

(b) Li jiehdu mizuri xierqa, inkluz legizlazzjoni, biex jinbidlu jew jabolixxu ligijiet ezistenti, regolamenti, drawwiet u prattiki li jikkostitwixxu diskriminazzjoni kontra persuni b'dizabilita';

(c) Li jiehdu konsiderazzjoni tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet umani ta' persuni b'dizabilita' f'kull *policy* u programm;

(d) Li ma jihdux sehem f'kull att jew prattika li ma tkunx konsistenti ma' din il-Konvenzjoni u li jassiguraw li l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet pubblici jikkonformaw ma' din il-Konvenzjoni;

(e) Li jiehdu kull mizura xierqa biex tigi eliminata diskriminazzjoni minhabba dizabilita' minn kull persuna, organizzazzjoni jew entita' privata;

(f) Li jaghmlu u jippromovu ricerka u zvilupp ta' prodotti, servizzi, apparat u facilitajiet iddisinjati ghal uzu universali, kif definit f'Artiklu 2 ta' din il-Konvenzjoni, biex hekk ikun mehtieg it-tibdil minimu possibbli u l-inqas spiza biex jintlahqu l-bzonnijiet specifici ta' persuni b'dizabilita', li jippromovu kif dawn jistghu jigu akkwistati u uzati, u li jippromovu d-disinn universali fl-istandards u l-linji gwida;

(g) Li jaghmlu u jippromovu ricerka u zvilupp ta', u li jippromovu kif dawn jistghu jigu akkwistati u uzati, teknologiji godda, inkluz teknologiji ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, ghajnuniet ghal mobilita', apparat u teknologiji assistivi tajbin ghal persuni b'dizabilita', bi prijorita' ghal teknologiji li ghandhom spiza li tista' tintlahaq;

(h) Li jipprovdu informazzjoni accessibbli lil persuni b'dizabilita' dwar ghajnuniet ghal mobilita', apparat u teknologiji assistivi, inkluz teknologiji godda, kif ukoll forom ohra ta' assistenza, servizzi u facilitajiet ta' sapport;

(i) Li jippromovu t-tahrig ta' professjonisti u haddiema li jahdmu ma' persuni b'dizabilita' dwar id-drittijiet rikonoxxuti minn din il-Konvenzjoni biex hekk jinghataw assistenza u servizzi rikonoxxuti minn dawn id-drittijiet.

2. Rigward id-drittijiet ekonomici, socjali u kulturali, kull Stat Imsieheb jimpenja ruhu li jiehu mizuri sal-massimu tar-rizorsi li hu ghandu u, fejn mehtieg fil-qafas ta' koperazzjoni internazzjonali, bil-ghan li jigu realizzati b'mod progressiv u shih

dawn id-drittijiet, minghajr pregudizzju ghal dawk l-obbligazzjonijiet li jinsabu f'din il-Konvenzjoni li huma applikabbli b'mod immedjat skond il-ligi internazzjonali.

3. Fl-izvilupp u l-implimentazzjoni ta' legislazzjoni u *policies* biex tigi implimentata din il-Konvenzjoni, u fi processi ohra tat-tehid ta' decizjonijiet rigward oqsma relatati ma' persuni b'dizabilita', l-Istati Msiehba ghandhom jikkonsultaw u jinvolvu mill-qrib u b'mod attiv persuni b'dizabilita' inkluz tfal b'dizabilita', permezz ta' l-organizzazzjonijiet li jirrapprezentawhom.

4. Xejn f'din il-Konvenzjoni ma ghandu jaffettwa xi provediment li hu aktar xieraq ghar-realizzazzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'dizabilita' u li jkun parti mil-ligi ta' l-Istat Imsieheb jew ta' ligi internazzjonali applikabbli ghal dak l-Istat. M'ghandu jkun hemm l-ebda restrizzjoni jew deroga minn kull dritt uman jew liberta' fundamentali rikonoxxuta jew ezistenti f'xi Stat Imsieheb ta' din il-Konvenzjoni skond ligijiet, konvenzjonijiet, regolamenti, drawwiet, fuq il-pretest li din il-Konvenzjoni ma taghrafx dawn id-drittijiet jew libertajiet fundamentali jew li din taghrafhom b'mod anqas.

5. Il-provedimenti ta' din il-Konvenzjoni ghandhom jestendu ghal kull parti ta' stati federali minghajr ebda limitazzjonijiet jew eccezzjonijiet.

**Artiklu 5**
**L-ugwaljanza u non-diskriminazzjoni**

1. L-Istati Msiehba jaghrfu li kull persuna hi ugwali quddiem u skond il-ligi u hi intitolata minghajr ebda diskriminazzjoni ghal protezzjoni ugwali u beneficcji ugwali tal-ligi.

2. L-Istati Msiehba ghandhom jipprojbixxu kull diskriminazzjoni minhabba dizabilita' u jiggarantixxu lill-persuni b'dizabilita' protezzjoni legali ugwali u effettiva kontra diskriminazzjoni minhabba kull raguni.

3. Biex tinghata promozzjoni lill-ugwaljanza u l-eliminazzjoni ta' diskriminazzjoni, l-Istati Msiehba ghandhom jiehdu passi xierqa biex jassiguraw li l-modifikazzjoni ragonevoli ssir.

4. Mizuri specifici li huma mehtiega biex tigi accellerata jew tintlahaq l-ugwaljanza de facto ghall-persuni b'dizabilita' m'ghandhomx jigu kkunsidrati bhala diskriminazzjoni skond it-termini ta' din il-Konvenzjoni.

**Artiklu 6**
**In-nisa b'dizabilita'**

1. L-Istati Msiehba jaghrfu li nisa u bniet b'dizabilita' huma soggetti ghal diskriminazzjoni multipla, u f'dan ir-rigward ghandhom jiehdu mizuri li jassiguraw it-tgawdija shiha u ugwali minnhom tad-drittijiet umani u l-libertajiet fundamentali kollha.

2. L-Istati Msiehba ghandhom jiehdu l-mizuri xierqa kollha biex jassiguraw l-izvilupp shih, l-avvanz u li n-nisa jinghataw poteri akbar, bil-ghan li jigu ggarantiti l-ezercizzju u t-tgawdija tad-drittijiet umani u l-libertajiet fundamentali kollha li jinsabu f'din il-Konvenzjoni.

**Artiklu 7**
**It-tfal b'dizabilita'**

1. L-Istati Msiehba ghandhom jiehdu l-mizuri kollha biex jassiguraw li tfal b'dizabilita' jgawdu d-drittijiet umani u l-libertajiet fundamentali kollha fuq bazi ugwali ma' tfal ohra.

2. F'kull azzjoni li tikkoncerna lit-tfal, l-ahjar interess tat-tfal ghandu jkun kunsiderazzjoni primarja.

3. L-Istati Msiehba ghandhom jassiguraw li t-tfal b'dizabilita' jkollhom id-dritt li jesprimu l-opinjonijiet taghhom b'mod hieles fuq kull haga li taffettwahom, u li l-opinjonijiet taghhom jinghataw sahha skond l-eta' u l-maturita' taghhom, fuq bazi ugwali ma' tfal ohra, u jinghataw assistenza skond l-eta' u d-dizabilita' taghhom biex huma jkunu jistghu jgawdu minn dan id-dritt.

**Artiklu 8**
**L-gharfien**

1. L-Istati Msiehba jaccettaw li jadottaw mizuri immedjati, effettivi u xierqa:

(a) Li jkabbru l-gharfien mas-socjeta' kollha, inkluz fil-livell tal-familja, dwar il-persuni b'dizabilita', u li jrawmu rispett ghad-drittijiet u d-dinjita' tal-persuni b'dizabilita';

(b) Li jiggieldu l-isterjotipi, il-pregudizzji u l-prattiki li jaghmlu l-hsara fil-konfront ta' persuni b'dizabilita', inkluz dawk ibbazati fuq sess u eta', fl-oqsma kollha tal-hajja;

(c) Li jippromovu l-gharfien tal-kapacitajiet u l-kontribuzzjonijiet ta' persuni b'dizabilita'.

2. Mizuri ghal dan il-ghan jinkludu:

(a) Il-bidu u t-tmexxija ta' kampanji pubblici u effettivi ta' gharfien iddisinjati:

(i) Biex iwasslu li l-pubbliku jaccetta d-drittijiet tal-peruni b'dizabilita';

(ii) Biex jippromovu percezzjonijiet pozittivi u gharfien socjali akbar dwar il-persuni b'dizabilita';

(iii) Biex jippromovu l-gharfien tal-hiliet, il-merti u l-abilitajiet tal-persuni b'dizabilita', u l-kontribut taghhom lejn il-post u s-suq tax-xoghol;

(b) Li jrawmu f'kull livell tas-sistema edukattiva inkluz it-tfal kollha sa minn eta' bikrija, attitudni ta' rispett lejn id-drittijiet tal-persuni b'dizabilita';

(c) Li jinkoraggixxu kull qasam tal-midja biex juru lill-persuni b'dizabilita b'mod konsistenti mal-ghanijiet ta' din il-Konvenzjoni;

(d) Li jippromovu programmi ta' tahrig dwar l-gharfien li jirrigwarda persuni b'dizabilita' u d-drittijiet ta' persuni b'dizabilita'.

**Artiklu 9**
**L-accessibilita'**

1. Biex tissapportja persuni b'dizabilita' jghixu b'mod indipendenti u jippartecipaw b'mod shih f'kull aspett tal-hajja, l-Istati Msiehba ghandhom jiehdu mizuri xierqa li jassiguraw li persuni b'dizabilita' jaccessaw, fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn, l-ambjent fiziku, it-trasport, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni inkluz teknologiji u sistemi ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u facilitajiet u servizzi ohrajn miftuha jew ipprovduti lill-pubbliku, f'postijiet urbani u rurali. Dawn il-mizuri, li ghandhom jinkludu l-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni ta' ostakli ghall-accessibilita', ghandhom japplikaw, inter alia, ghal:

(a) Bini, toroq, trasport u facilitajiet ohra kemm gewwa kif ukoll barra, inkluz skejjel, djar, facilitajiet medici u postijiet tax-xoghol;

(b) Informazzjoni, komunikazzjoni u servizzi ohra, inkluz servizzi elettronici u servizzi ta' emergenza.

2. L-Istati Msiehba ghandhom jiehdu mizuri xierqa biex:

(a) Jizviluppaw, ixerrdu u jimmoniterjaw l-implimentazzjoni ta' standards u linji gwida minimi ghall-accessibilita' ta' facilitajiet u servizzi miftuha u provduti lill-pubbliku;

(b) Jassiguraw li entitajiet privati li joffru facilitajiet u servizzi li huma miftuha jew provduti lill-pubbliku jiehdu konsiderazzjoni ta' l-aspetti kollha ta' accessibilita' ghal persuni b'dizabilita';

(c) Jipprovdu tahrig lil dawk involuti f'oqsma ta' accessibilita' li jiffaccjaw persuni b'dizabilita';

(d) Jipprovdu f'bini u facilitajiet ohra miftuha ghall-pubbliku sinjali bil-Braille u forom facli biex taqra u tifhem;

(e) Jipprovdu forom ta' assistenza u intermedjarji umani, inkluz gwidi, qarrejja u interpreti professjonali tal-lingwa tas-sinjali, biex jiffacilitaw l-accessibilita' ghal bini u facilitajiet ohra miftuha ghall-pubbliku;

(f) Jippromovu forom ohra xierqa ta' assistenza u sapport lil persuni b'dizabilita' biex jigi assigurat l-access taghhom ghall-informazzjoni;

(g) Jippromovu access lil persuni b'dizabilita' ghal tekonologiji u sistemi godda ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, inkluz l-Internet;

(h) Jippromovu d-disinn, l-izvilupp, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' teknologiji u sistemi ta' informazzjoni u komunikazzjoni fi stadju bikri, sabiex dawn it-teknologiji u s-sistemi jsiru accessibbli bi spiza minima.

**Artiklu 10**
**Id-dritt ghall-hajja**

L-Istati Msiehba jirriaffermaw li kull esseru uman ghandu d-dritt intrinsiku ghall-hajja u ghandhom jiehdu l-mizuri kollha necessarji biex jassiguraw it-tgawdija effettiva ta' dan id-dritt minn persuni b'dizabilita' fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn.

**Artiklu 11**
**Is-sitwazzjonijiet ta' riskju u l-emergenzi umanitarji**

L-Istati Msiehba ghandhom jiehdu, skond l-obbligi taghhom taht il-ligi internazzjonali, inkluz il-ligi internazzjonali umanitarja u l-ligi internazzjonali dwar id-drittijiet umani, kull mizura necessarja biex jassiguraw il-protezzjoni u s-sigurta' ta' persuni b'dizabilita' f'sitwazzjonijiet ta' riskji, inkluz sitwazzjonijiet ta' konflitti armati, emergenzi umanitarji u meta jkun hemm dizastri naturali.

**Artiklu 12**

**L-gharfien ugwali quddiem il-ligi**

1. L-Istati Msiehba jirriaffermaw li persuni b'dizabilita' ghandhom id-dritt ghall-gharfien kullimkien bhala persuni quddiem il-ligi.

2. L-Istati Msiehba ghandhom jaghrfu li persuni b'dizabilita' jgawdu mill-kapacita' legali fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn f'kull aspett tal-hajja.

3. L-Istati Msiehba ghandhom jiehdu mizuri xierqa biex jipprovdu access lill-persuni b'dizabilita', bhal sapport li huma jista' jkollhom bzonn biex jezercitaw il-kapacita' legali taghhom.

4. L-Istati Msiehba ghandhom jassiguraw li kull mizura relatata ma' l-ezercizzju tal-kapacita' legali tipprovdi salvagwardji xierqa u effettivi skond il-ligi internazzjonali dwar id-drittijiet umani biex ma jhallux isir abbuz. Dawn is-salvagwardji ghandhom jassiguraw li mizuri relatati ma' l-ezercizzju tal-kapacita' legali jirrispettaw id-drittijiet, ir-rieda u l-preferenzi tal-persuna, ikunu hielsa minn konflitt ta' interess u influwenza mhux xierqa, huma proporzjonati u mfassla skond ic-cirkustanzi tal-persuna, japplikaw ghall-iqsar zmien possibbli u huma suggetti ghal revizjoni minn awtorita' kompetenti, indipendenti u imparzjali jew entita guridika. Is-salvagwardji ghandhom ikunu proporzjonati ghall-grad li dawn jaffettwaw id-drittijiet u l-interessi tal-persuna.

5. Suggett ghall-provedimenti ta' dan l-artiklu, l-Istati Msiehba ghandhom jiehdu mizuri xierqa u effettivi biex jassiguraw id-dritt ugwali ta' persuni b'dizabilita' li jkollhom u li jirtu propjeta', li jikkontrollaw l-affarijiet finanzjarji taghhom u li jkollhom access indaqs biex jiehdu self mill-banek, *mortgages* u forom ohra ta'

kreditu finanzjarju, u ghandhom jassiguraw li persuni b'dizabilita' ma jkunux imcahhda b'mod arbitrarju mill-propjeta' taghhom.

**Artiklu 13**
**L-access ghall-gustizzja**

1. L-Istati Msiehba ghandhom jassiguraw access effettiv ghall-gustizzja lill-persuni b'dizabilita' fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn, inkluz billi jkun hemm modifiki procedurali u skond l-eta', biex jigi ffacilitat ir-rwol effettiv taghhom bhala partecipanti diretti u indiretti, inkluz li jagixxu bhala xiehda, fil-proceduri legali kollha, inkluz fl-istadji investigattivi u preliminarji ohra.

2. Biex tghin halli jigi assigurat l-access effettiv ghall-gustizzja minn persuni b'dizabilita', l-Istati Msiehba ghandhom jippromovu tahrig xieraq lil dawk li jahdmu fil-qasam ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja inkluz il-pulizija u l-haddiema fil-habsijiet.

**Artiklu 14**
**Il-liberta' u s-sigurta' tal-persuna**

1. L-Istati Msiehba ghandhom jassiguraw li persuni b'dizabilita', fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn:

(a) igawdu d-dritt ghal-liberta' u s-sigurta' tal-persuna;

(b) ma jkunx hemm cahda mil-liberta' taghhom b'mod illegali jew arbitrarju, u li kull cahda tal-liberta' tkun konformi mal-ligi, u l-ezistenza ta' dizabilita' m'ghandha fl-ebda kaz tiggustifika c-cahda tal-liberta'.

2. L-Istati Msiehba ghandhom jassiguraw li jekk persuni b'dizabilita' jigu mcahhda mil-liberta' taghhom permezz ta' xi process, huma, fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn, ikunu intitolati ghal garanziji skond il-ligi internazzjonali dwar id-drittijiet umani u ghandhom jigu ttrattati b'mod konformi mal-obbjettivi u l-principji ta' din il-Konvenzjoni, inkluz il-provediment ta' modifikazzjoni ragonevoli.

**Artiklu 15**
**Il-helsien mit-tortura jew minn trattament jew kastig krudil, inuman jew degradanti**

1. Hadd m'ghandu jkun suggett ghal tortura jew trattament jew kastig krudil, inuman jew degradanti. B'mod partikulari, hadd m'ghandu jkun suggett minghajr il-kunsens hieles tieghu jew taghha ghal sperimentazzjoni medika jew xjentifika.

2. L-Istati Msiehba ghandhom jiehdu l-mizuri effettivi legizlattivi, amministrattivi, guridici u ohrajn biex ma jhallux persuni b'dizabilita', fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn, ikunu suggetti ghal tortura jew trattament jew kastig krudil, inuman jew degradanti.

**Artiklu 16**
**Il-ħelsien mill-esplojtazzjoni, il-vjolenza u l-abbuż**

1. L-Istati Msieħba għandhom jieħdu kull miżura xierqa leġiżlattiva, amministrattiva, soċjali, edukattiva u oħrajn biex jipproteġu lill-persuni b'diżabilita' kemm ġod-dar kif ukoll barra mid-dar, minn kull forma ta' esplojtazzjoni, vjolenza u abbuż, inkluż aspetti bbażati fuq is-sess tagħhom.

2. L-Istati Msieħba għandhom ukoll jieħdu miżuri xierqa biex jipprevenu kull forma ta' esplojtazzjoni, vjolenza u abbuż billi jassiguraw, inter alia, forom ta' assistenza u sapport lill-persuni b'diżabilita', il-familji tagħhom u dawk li jieħdu ħsiebhom u li dawn il-miżuri jkunu sensittivi għas-sess u l-eta' tagħhom, inkluż permezz ta' providement ta' informazzjoni u edukazzjoni kif tevita, tagħraf u tirrapporta każijiet ta' esplojtazzjoni, vjolenza u abbuż. L-Istati Msieħba għandhom jassiguraw li s-servizzi ta' protezzjoni jkunu sensittivi għall-eta', is-sess u d-diżabilita'.

3. Biex jiġi evitat li jkun hemm kull forma ta' esplojtazzjoni, vjolenza u abbuż, l-Istati Msieħba għandhom jassiguraw li l-faċilitajiet u l-programmi ddisinjati biex iservu persuni b'diżabilita' jkunu mmoniterjati b'mod effettiv minn awtoritajiet indipendenti.

4. L-Istati Msieħba għandhom jieħdu kull miżura xierqa biex jippromovu l-fejqan, ir-riabilitazzjoni u r-ri-integrazzjoni soċjali ta' persuni b'diżabilita' li jkunu vittmi ta' xi forma ta' esplojtazzjoni, vjolenza jew abbuż, inkluż bil-provediment ta' servizzi protettivi. Il-fejqan u ri-integrazzjoni għandhom isiru f'ambjent li jindokra s-saħħa, il-*welfare*, ir-rispett tal-persuna nnifisha, id-dinjita' u l-awtonomija tal-persuna u jieħu konsiderazzjoni tal-bżonnijiet skond is-sess u l-eta'.

5. L-Istati Msieħba għandhom jagħmlu liġijiet u *policies* effettivi, inkluż dawk iffukati fuq in-nisa u t-tfal, biex jassiguraw li każijiet ta' esplojtazzjoni, vjolenza u abbuż kontra persuni b'diżabilita' jiġu identifikati, investigati u, meta xieraq, proċessati.

**Artiklu 17**
**Il-protezzjoni għall-integrita' tal-persuna**

Kull persuna b'diżabilita' għandha dritt għar-rispett ta' l-integrita' fiżika u mentali tiegħu jew tagħha fuq bażi ugwali ma' l-oħrajn.

**Artiklu 18**
**Il-liberta' tal-moviment u n-nazzjonalita'**

1. L-Istati Msieħba għandhom jirrikonoxxu d-drittijiet ta' persuni b'diżabilita' għal-liberta' tal-moviment, għal-liberta' li jagħżlu r-residenza tagħhom u għan-nazzjonalita', fuq bażi ugwali ma' l-oħrajn, inkluż billi jiġi assigurat li persuni b'diżabilita':

(a) Ghandhom id-dritt li jakkwistaw u jibdlu n-nazzjonalita' u ma jkunux imcahhda min-nazzjonalita' taghhom b'mod arbitrarju jew fuq bazi ta' dizabilita';

(b) Ma jkunux imcahhda, fuq bazi ta' dizabilita', mill-abilita' taghhom li jottjenu, ikollhom u juzaw dokumentazzjoni dwar in-nazzjonalita' taghhom jew dokumentazzjoni ohra ta' identifikazzjoni, jew li juzaw processi relevanti bhal ma huma proceduri ta' immigrazzjoni, li jkunu mehtiega biex jiffacilitaw l-ezercizzju tad-dritt ghal-liberta' tal-moviment.

(c) Huma hielsa li jitilqu minn pajjiz, inkluz dak taghhom;

(d) Ma jkunux imcahhda, b'mod arbitrarju jew minhabba d-dizabilita', mid-dritt li jidhlu f'pajjizhom stess.

2. Tfal f'dizabilita' ghandhom ikunu registrati immedjatament wara li jitwieldu u ghandu jkollhom id-dritt mit-twelid ghal isem, id-dritt li jakkwistaw nazzjonalita' u, sa fejn hu possibbli, id-dritt li jkunu jafu min huma l-genituri taghhom u li dawn jiehdu hsiebhom.

**Artiklu 19**
**Il-hajja indipendenti u l-inkluzjoni fil-komunita'**

L-Istati Msiehba ghal din il-Konvenzjoni jaghrfu d-dritt ugwali li kull persuna b'dizabilita' tghix fil-komunita', b'ghazliet ugwali daqs l-ohrajn, u ghandhom jiehdu mizuri effettivi u xierqa biex jiffacilitaw it-tgawdija shiha minn persuni b'dizabilita' ta' dan id-dritt u l-inkluzjoni u l-partecipazzjoni shiha taghhom fil-komunita', inkluz billi jigu assigurati li:

(a) Persuni b'dizabilita' jkollhom l-opportunita' li jaghzlu l-post tar-residenza u fejn u ma' min jghixu fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn u li ma jkunux obbligati li jghixu f'arrangament ta' ghajxien partikulari.

(b) Persuni b'dizabilita' jkollhom access ghal varjeta' ta' servizzi fid-dar residenzjali jew servizzi ohra ta' sapport fil-komunita', u li jipprevenu l-izolament u s-segregazzjoni mill-komunita'.

(c) Servizzi u facilitajiet fil-komunita' ghall-pubbliku generali ghandhom ikunu miftuha fuq bazi ugwali ghal persuni b'dizabilita' u li jirrispondu ghall-bzonnijiet taghhom.

**Artiklu 20**
**Il-mobilita' personali**

L-Istati Msiehba ghandhom jiehdu mizuri effettivi biex jassiguraw il-mobilita' personali bl-indipendenza l-aktar possibbli tal-persuni b'dizabilita', inkluz billi:

(a) Jiffacilitaw il-mobilita' personali ta' persuni b'dizabilita' bil-mod u l-hin ta' l-ghazla taghhom u bi prezz li jista' jintlahaq;

(b) Jiffacilitaw l-access ghall-persuni b'dizabilita' ghal ghajnuniet ta' mobilita', apparat u teknologiji assistivi ta' kwalita' u forom ta' assistenza u intermedjarji umani, inkluz billi taghmilhom bi prezz li jista' jintlahaq;

(c) Jipprovdu tahrig bil-hiliet ta' mobilita' lill-persuni b'dizabilita' u lill-haddiema specjalizzati li jahdmu ma' persuni b'dizabilita';

(d) Jinkoragixxu entitajiet li jipproducu ghajnuniet ta' mobilita', apparat u teknologiji assistivi, jiehdu konsiderazzjoni ta' l-aspetti kollha ta' mobilita' ta' persuni b'dizabilita'.

**Artiklu 21**
**Il-liberta' ta' l-espressjoni u l-opinjoni u l-access ghall-informazzjoni**

L-Istati Msiehba ghandhom jiehdu kull mizura xierqa biex jassiguraw li persuni b'dizabilita' jistghu jezercitaw id-dritt ghal-liberta' ta' l-espressjoni u opinjoni, inkluz il-liberta' li jfittxu, jircievu u jaghtu informazzjoni u ideat fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn u permezz ta' kull forma ta' komunikazzjoni ta' l-ghazla taghhom, kif definit f'artiklu 2 ta' din il-Konvenzjoni, inkluz billi:

(a) Jipprovdu informazzjoni mahsuba ghall-pubbliku generali lill-persuni b'dizabilita' f'formati accessibbli u teknologiji xierqa ghal dizabilitajiet differenti minghajr dewmien u minghajr spiza addizzjonali;

(b) Jaccettaw u jiffacilitaw l-uzu tal-lingwi tas-sinjali, Braille, komunikazzjoni awmentattiva u alternattiva, u kull mezz, mod jew format iehor accessibbli ta' komunikazzjoni ta' l-ghazla taghhom minn persuni b'dizabilita' meta jkollhom laqghat jew komunikazzjoni ohra ufficjali;

(c) Iheggu entitajiet privati li jipprovdu servizzi lill-pubbliku generali, inkluz permezz ta' l-Internet, li jipprovdu informazzjoni u servizzi f'formati accessibbli u li jistghu jintuzaw minn persuni b'dizabilita';

(d) Jinkoraggixu lil media tal-massa, inkluz dawk li jipprovdu l-informazzjoni permezz ta' l-Internet, biex jaghmlu s-servizzi taghhom accessibbli ghal persuni b'dizabilita';

(e) Jaghrfu u jippromovu l-uzu tal-lingwi tas-sinjali.

**Artiklu 22**
**Ir-rispett ghall-privatezza**

1. L-ebda persuna b'dizabilita', tkun fejn tkun il-post ta' residenza jew l-arrangament ta' ghajxien tieghu jew taghha, m'ghandha tkun suggetta ghal interferenza b'mod arbitrarju jew illegali ghall-privatezza, il-famija, id-dar jew il-korrispondenza jew tipi ohra ta' komunikazzjoni jew ghal attakki illegali ghall-unur u r-reputazzjoni tieghu jew taghha. Persuni b'dizabilita' ghandhom id-dritt ghall-protezzjoni tal-ligi kontra interferenzi jew attakki bhal dawn.

2. L-Istati Msiehba ghandhom jipprotegu l-privatezza ta' informazzjoni personali u dwar is-sahha u riabilitazzjoni ta' persuni b'dizabilita' fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn.

**Artiklu 23**
**Ir-rispett ghad-dar u l-familja**

1. L-Istati Msiehba ghandhom jiehdu mizuri effettivi u xierqa biex jeliminaw diskriminazzjoni kontra persuni b'dizabilita' f'kull haga relatata maz-zwieg, il-familja, li tkun genitur u r-relazzjonijiet, fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn, sabiex jassiguraw li:

(a) Id-dritt li kull persuna b'dizabilita' li ghandu jew ghandha l-eta' li tista' tizzewweg u tifforma familja fuq bazi ta' kunsens liberu u shih mill-gharajjes li jixtiequ jaghmlu dan ikun rikonoxxut;

(b) Id-dritt li persuni b'dizabilita' li jiddeciedu b'mod hieles u responsabbli fuq in-numru ta' wlied u z-zmien bejn wild u iehor jew ohra taghhom u li jkollhom access ghal informazzjoni xierqa skond l-eta', ghal edukazzjoni dwar ir-riproduzzjoni u l-ippjanar tal-familja, u li l-mezzi necessarji li jassigurawhom li jezercitaw dawn id-drittijiet huma pprovduti;

(c) Persuni b'dizabilita', inkluzi tfal, izommu l-fertilita' taghhom fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn.

2. L-Istati Msiehba ghandhom jassiguraw li d-drittijiet u r-responsabilitajiet ta' persuni b'dizabilita' fir-rigward ta' *guardianship, wardship, trusteeship*, adozzjoni ta' tfal u istituzzjonijiet simili, fejn dawn il-kuncetti jezistu fil-legizlazzjoni nazzjonali; f'kull kaz l-ahjar interess tat-tifel jew tifla ghandu jkunu l-oghla interess. L-Istati Msiehba ghandhom joffru assistenza xierqa lill-persuni b'dizabilita' biex ikunu jistghu jerfghu r-responsabilitajiet biex irabbu 'l uliedhom.

3. L-Istati Msiehba ghandhom jassiguraw li t-tfal b'dizabilita' jkollhom drittijiet ugwali fir-rigward tal-hajja tal-familja. Bil-ghan li dawn id-drittijiet jigu realizzati, u biex jipprevenu l-habi, l-abbandun, in-negligenza u s-segregazzjoni ta' tfal b'dizabilita', l-Istati Msiehba ghandhom jipprovdu informazzjoni komprensiva u bikrija, servizzi u sapport lil tfal f'dizabilita' u l-familji taghhom.

4. L-Istati Msiehba ghandhom jassiguraw li t-tfal ma ghandhomx jigu separati mill-genituri taghhom kontra r-rieda taghhom, hlief meta awtoritajiet kompetenti, suggetti ghar-revizjoni guridika, jiddeterminaw, skond il-ligijiet u l-proceduri applikabbli, li separazzjoni bhal din hi necessarja bl-aqwa interessi tat-tifel jew tifla. Fl-ebda kaz it-tifel jew tifla m'ghandu jew m'ghandha jigi jew tigi separata mill-genituri tieghu jew taghha minhabba d-dizabilita' tieghu jew taghha jew ta' wiehed jew wahda jew taz-zewg genituri.

5. L-Istati Msiehba ghandhom, meta l-familja immedjata ma tistax tiehu hsieb tifel jew tifla b'dizabilta', taghmel kull sforz biex tipprovdi kura alternattiva fi hdan il-familja wiesgha tat-tifel jew tifla, u meta dan ma jirnexxix, fi hdan il-komunita' f'ambjent ta' familja.

**Artiklu 24**
**L-edukazzjoni**

1. L-Istati Msiehba jaghrfu d-dritt tal-persuni b'dizabilita' ghall-edukazzjoni. Bil-ghan li jintlahaq dan id-dritt minghajr diskriminazzjoni u fuq bazi ta' opportunitajiet indaqs, l-Istati Msiehba ghandhom jassiguraw sistema edukattva inkluziva f'kull livell u edukazzjoni matul il-hajja kollha mmirata biex:

(a) L-izvilupp shih tal-potenzjal uman u s-sens ta' dinjita' u ta' valur tal-persuna nnifsha, u t-tishih tar-rispett tad-drittijiet umani, il-libertajiet fundamentali u d-diversita' umana;

(b) L-izvilupp minn persuni b'dizabilita' tal-personalita', it-talenti u l-kreattivita' taghhom, kif ukoll l-abilitajiet mentali u fizici taghhom, sal-massimu tal-potenzjal taghhom;

(c) Jissapportjaw persuni b'dizabilita' biex jippartecipaw b'mod effettiv f'socjeta' hielsa.

2. Biex dan id-dritt jitwettaq, l-Istati Msiehba ghandhom jassiguraw li
(a) Persuni b'dizabilita' ma jkunux eskluzi mis-sistema edukattiva generali minhabba d-dizabilita' taghhom, u li tfal b'dizabilita' ma jkunux eskluzi minn edukazzjoni primarja minghajr hlas u obbligatorja, jew minn edukazzjoni sekondarja, minhabba d-dizabilita' taghhom;

(b) Persuni b'dizabilita' jistghu jinghataw edukazzjoni inkluziva, ta' kwalita' u minghajr hlas fil-livell primarju u sekondarju fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn fil-komunitajiet fejn jghixu.

(c) Modifiki ragonevoli skond il-bzonnijiet ta' l-individwu jigu pprovduti;

(d) Persuni b'dizabilita' jircievu s-sapport mehtieg, fi hdan is-sistema edukattiva generali, biex tigi ffacilitata l-edukazzjoni effettiva taghhom;

(e) Mizuri ta' sapport effettivi u individwalizzati jigu provduti f'ambjenti li jimmassimizzaw l-izvilupp akkademiku u socjali, konsistenti mal-ghan ta' inkluzjoni shiha.

3. L-Istati Msiehba ghandhom jissapportjaw persuni b'dizabilita' biex jinghataw it-taghlim f'hiliet ta' zvilupp socjali u tal-ghajxien, li jiffacilitaw il-partecipazzjoni shiha u ugwali taghhom fl-edukazzjoni u bhala membri tal-komunita'. Ghal dan il-ghan, l-Istati Msiehba ghandhom jiehdu mizuri xierqa, li jinkludu:

(a) Jiffacilitaw it-taghlim tal-Braille, kitba alternattiva, modi alternattivi u awmentattivi, mezzi u formati ta' komunikazzjoni u hiliet ta' orjentazzjoni u mobilita', u li jiffacilitaw sapport u *mentoring* minn shabhom;

(b) Jiffacilitaw it-taghlim tal-lingwa tas-sinjali u l-promozzjoni ta' identita' lingwistika tal-komunita' tat-torox;

(c) Jassiguraw li l-edukazzjoni ta' persuni, b'mod partikulari t-tfal, li huma ghomja, torox, u torox-ghomja, tinghata bil-lingwi, il-modi u l-mezzi ta' komunikazzjoni l-aktar xierqa ghall-individwu, u f'ambjenti li jimmassimizzaw l-izvilupp akkademiku u socjali.

4. Biex tghin halli jassiguraw it-twettiq ta' dan id-dritt, l-Istati Msiehba ghandhom jiehdu mizuri xierqa biex jimpjegaw ghalliema, inkluz ghalliema b'dizabilita', li huma kkwalifikati fil-lingwa tas-sinjali u/jew Braille, u li jharrgu professjonisti u *staff* li jahdmu fil-livelli kollha ta' l-edukazzjoni. Dan it-tahrig ghandu jinkorpora gharfien dwar id-dizabilita' u l-uzu xieraq ta' modi awmentattivi u alternattivi, mezzi u forom ta' komunikazzjoni, sistemi u materjal edukattiv li jissapportjaw persuni b'dizabilita'.

5. L-Istati Msiehba ghandhom jassiguraw li persuni b'dizabilita' jistghu jinghataw l-edukazzjoni terzjarja generali, tahrig vokazzjonali, edukazzjoni ghall-adulti u taghlim matul il-hajja kollha minghajr diskriminazzjoni u fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn. Ghal dan il-ghan, l-Istati Msiehba ghandhom jassiguraw li modifiki ragonevoli jigi pprovduti lill-persuni b'dizabilita'.

**Artiklu 25**
**Is-sahha**

L-Istati Msiehba jaghrfu li persuni b'dizabilita' ghandhom id-dritt ghat-tgawdija ta' standard l-aktar gholi possibbli ta' sahha minghajr diskriminazzjoni minhabba d-dizabilita'. L-Istati Msiehba ghandhom jiehdu l-mizuri xierqa biex jassiguraw l-access tal-persuni b'dizabilita' ghal servizzi tas-sahha li huma sensittivi ghall-*issues* bejn is-sessi, inkluz ir-riabilitazzjoni relatata mas-sahha. B'mod partikulari, l-Istati Msiehba ghandhom:

(a) Jipprovdu lill-persuni b'dizabilita' kura dwar is-sahha u programmi minghajr hlas jew bi hlas li jista' jintlahaq, li jkollhom l-istess firxa, kwalita' u standard li huma pprovduti lill-persuni ohrajn, inkluz fl-oqsma tas-sahha sesswali u riproduttivi u progammi dwar sahha pubblika bbazata fuq il-popolazzjoni;

(b) Jipprovdu dawk is-servizzi ta' sahha mehtiega minn persuni b'dizabilita' specifikament minhabba d-dizabilitajiet taghhom, inkluz l-identifikazzjoni u interventi bikrija kif xieraq u servizzi ddisinjati li jimminimizzaw u jipprevenu aktar dizabilitajiet, inkluz fost it-tfal u persuni anzjani.

(c) Jipprovdu dawn is-servizzi ta' sahha vicin l-aktar possibbli tal-komunitajiet tal-persuni nfushom inkluz f'postijiet rurali;

(d) Jesigu li professjonisti li jahdmu fil-qasam tas-sahha jipprovdu kura ta' l-istess kwalita' lill-persuni b'dizabilita' bhal ohrajn, inkluz fuq bazi ta' konsens hieles u infurmat minn, inter alia, gharfien akbar tad-drittijiet umani, id-dinjita', l-awtonomija u l-bzonnijiet ta' persuni b'dizabilita' permezz ta' tahrig u l-promulgazzjoni ta' standards etici dwar il-kura tas-sahha pubblika u privata.

(e) Jipprojbixxu diskriminazzjoni kontra persuni b'dizabilita' fil-provediment ta' assigurazzjoni dwar is-sahha, u assigurazzjoni fuq il-hajja meta din l-assigurazzjoni hi permessa mil-ligijiet nazzjonali, li ghandhom ikunu pprovduti b'manjiera gusta u ragonevoli.

(f) Ma jippermettux ic-cahda diskriminatorja ta' servizzi ta' sahha jew ikel u xorb minhabba d-dizabilita'.

**Artiklu 26**
**L-abilitazzjoni u r-riabilitazzjoni**

1. L-Istati Msiehba ghandhom jiehdu mizuri effettivi u xierqa, inkluz permezz ta' sapport minghand shabhom, biex jissapportjaw persuni b'dizabilita' li jkollhom u jzommu l-indipendenza massima, l-abilita' shiha fizika, mentali, socjali u vokazzjonali, u l-inkluzjoni u l-partecipazzjoni shiha fl-aspetti kollha tal-hajja. Ghal dan il-ghan, l-Istati Msiehba ghandhom jorganizzaw, isahhu u jestendu s-servizzi u l-programmi komprensivi ta' abilitazzjoni u riabilitazzjoni, partikularment fl-oqsma tas-sahha, l-impjiegi, l-edukazzjoni u s-servizzi socjali, b'tali mod li dawn is-servizzi u l-programmi jkunu:

(a) Jibdew mill-istadju l-aktar bikri possibbli, u jkunu bbazati fuq *assessment* multidixxiplinarju tal-bzonnijiet u l-abilitajiet ta' l-indivdwu

(b) Jissapportjaw il-partecipazzjoni u l-inkluzjoni fil-komunita' u kull aspett iehor tas-socjeta', ikunu fuq bazi volontarja, u jkunu disponibbli ghall-persuni b'dizabilita' vicin l-aktar possibbli ghall-komunitajiet taghhom, inkluz f'postijiet rurali.

2. L-Istati Msiehba ghandhom jippromovu l-izvilupp tat-tahrig inizjali u kontinwu lill-professjonisti u l-istaff li jahdmu f'servizzi ta' abilitazzjoni u riabilitazzjoni.

3. L-Istati Msiehba ghandhom jippromovu d-disponibilita', it-taghrif u l-uzu ta' apparat assistiv u teknologiji, iddisinjati ghal persuni b'dizabilita', kif dawn jirrelataw ma' l-abilitazzjoni u r-riabilitazzjoni.

**Artiklu 27**
**Ix-xoghol u l-impjieg**

1. L-Istati Msiehba jaghrfu d-dritt tal-persuni b'dizabilita' ghax-xoghol, fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn; dan jinkludi d-dritt ghall-opportunita' li taqla' l-ghajxien permezz ta' xoghol maghzul jew accettat b'mod hieles fis-suq tax-xoghol u ambjenti tax-xoghol li hu miftuh, inkluziv u accessibbli ghal persuni b'dizabilita'. L-Istati Msiehba ghandhom jissalvagwardjaw u jippromovu t-twettiq tad-dritt ghax-xoghol inkluz dawk li jkollhom dizabilita' waqt il-kors ta' l-impjieg taghhom, billi jittiehdu mizuri xierqa, inkluz permezz ta' legizlazzjoni, biex, inter alia:

(a) Jipprojbixxu diskriminazzjoni minhabba dizabilita' fir-rigward ta' kull haga li tikkoncerna kull forma ta' impjieg, inkluz il-kondizzjonijiet ghal reklutagg, l-ghoti

ta' l-impjieg, it-tkomplija ta' l-impjieg, l-avvanz fil-kariera u l-kondizzjonijiet tas-sahha u s-sigurta';

(b) Jipprotegu d-dritt ta' persuni b'dizabilita', fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn, ghal kundizzjonijiet gusti u favorevoli ta' xoghol, inkluz opportunitajiet indaqs u hlas indaqs ghal xoghol ta' l-istess valur, kundizzjoniet ta' xoghol siguri u b'sahhithom, inkluz il-protezzjoni minn fastidju, u rimedju ghall-ilmenti.

(c) Jassiguraw li persuni b'dizabilita' jkunu jistghu jezercitaw id-drittijiet relatati mad-dinja tax-xoghol u tat-*trade unions* fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn;

(d) Jissapportjaw persuni b'dizabilita' li jkollhom access effettiv ghal programmi generali ta' gwida teknika u vokazzjonali, servizz ta' pjazzament u tahrig vokazzjonali u kontinwu;

(e) Jippromovu opportunitajiet ta' xoghol u avvanz fil-karriera lill-persuni b'dizabilita' fis-suq tax-xoghol, kif ukoll assistenza biex ifittxu, jottjenu u jzommu impjieg.

(f) Jippromovu opportunitajiet ghal impjieg ghal rashom, ghall-intraprenditorija, ghall-izvilupp tal-koperattivi u l-bidu ta' negozju taghhom stess;

(g) Jimpjegaw persuni b'dizabilita' fis-settur pubbliku;

(h) Jippromovu l-impjieg ta' persuni b'dizabilita' fis-settur privat permzz ta' *policies* u mizuri xierqa li jistghu jinkludu programmi ta' mizuri affermattivi, incentivi u mizuri ohra.

(i) Jassiguraw li l-modifiki ragonevoli jkunu pprovduti lill-persuni b'dizabilita' fuq il-post tax-xoghol;

(j) Jippromovu l-akkwist minn persuni b'dizabilita' ta' esperjenza fis-suq miftuh tax-xoghol;

(k) Jippromovu r-riabilitazzjoni vokazzjonali u professjonali, programmi li jghinu biex izzomm l-impjieg u li terga' lura ghax-xoghol, ghall-persuni b'dizabilita';

2. L-Istati Msiehba ghandhom jassiguraw li persuni b'dizabilita' ma jinzammux fi skjavitu' jew servitu', u jkunu protetti, fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn, minn xoghol sfurzat jew obbligatorju.

**Artiklu 28**
**Il-livell ta' ghajxien adegwat u l-protezzjoni socjali**

1. L-Istati Msiehba jaghrfu d-dritt li persuni b'dizabilita' jkollhom livell ta' ghajxien adegwat ghalihom u ghall-familji taghhom inkluz ikel, ilbies, hwejjeg u dar adegwata, u ghal miljorament kontinwu tal-kundizzjonijiet tal-ghajxien, u ghandhom jiehdu mizuri adekwati li jissalvagwardjaw u jippromovu r-realizzazzjoni ta' dan id-dritt minghajr diskriminazzjoni minhabba d-dizabilita'.

2. L-Istati Msiehba jaghrfu li l-persuni b'dizabilita' ghandhom dritt ghal protezzjoni socjali u tgawdija ta' dan id-dritt minghajr diskriminazzjoni minhabba d-dizabilita', u ghandhom jiehdu mizuri adegwati biex jissalvagwardjaw u jippromovu t-twettiq ta' dan id-dritt, inkluz mizuri:

(a) Li jassiguraw access ugwali minn persuni b'dizabilita' ghal servizzi ta' ilma nadif u li jassiguraw access xieraq u bi hlas li jista' jintlahaq ghal servizzi, apparat u assistenza ohra relatati mal-bzonnijiet tad-dizabilita';

(b) Li jassiguraw access minn persuni b'dizabilita', partikularment nisa u bniet b'dizabilita', ghal programmi ta' protezzjoni socjali u programmi li jnaqqsu l-faqar;

(c) Li jassiguraw access ghall-persuni b'dizabilita' u l-familji taghhom li jghixu f'sitwazzjonijiet ta' faqar, ghall-assistenza mill-Istat ghal spejjez relatati mad-dizabilita' inkluz tahrig, *counselling*, assistenza finanzarja u servizzi ta' serhan;

(d) Li jassiguraw access minn persuni b'dizabilita' ghal programmi pubblici ta'djar;

(e) Li jassiguraw access ugwali minn persuni b'dizabilita' ghall-beneficcji u l-programmi ta' l-irtirar.

**Artiklu 29**
**Il-partecipazzjoni fil-hajja pubblika u politika**

L-Istati Msiehba ghandhom jiggarantixxu li persuni b'dizabilita' jkollhom drittijiet politici u l-opportunita' li jgawduhom fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn, u ghandhom:

(a) Jassiguraw li persuni b'dizabilita' jistghu jippartecipaw b'mod effettiv u shih fil-hajja pubblika u politika fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn, direttament jew permezz tar-rapprezentanti maghzula b'mod hieles, inkluz id-dritt u l-opportunita' biex persuni b'dizabilita' jivvutaw u jigu eletti, billi inter alia:

(i) jassiguraw li l-proceduri, il-facilitajiet u l-materjal tal-votazzjoni jkunu xierqa, accessibbli u facli biex tifhimhom u tuzahom;

(ii) jipprotegu d-dritt li persuni b'dizabilita' jivvutaw permezz ta' vot sigriet f'elezzjonijiet u referenda pubblici minghajr intimidazzjoni, u li jkunu jistghu jikkontestaw elezzjonijiet, effettivament ikollhom karigi u jezercitaw ufficji pubblici f'kull livell tal-gvern, jiffacilitaw l-uzu ta' teknologiji assistivi u godda fejn xieraq;

(iii) Jiggarantixxu l-espressjoni hielsa tar-rieda ta' persuni b'dizabilita' bhala eletturi u ghal dan il-ghan, fejn mehtieg, fuq talba taghhom, ihallu li jkun hemm assistenza waqt il-votazzjoni ta' persuna ta' l-ghazla taghhom;

b. Jippromovu attivament ambjent li fih il-persuni b'dizabilita' jistghu jippartecipaw b'mod effettiv u shih f'attivita' pubblika, minghajr diskriminazzjoni fuq bazi ugwali

ma’ l-ohrajn, u jinkoraggixxu l-partecipazzjoni taghhom f’attivitajiet pubblici, inkluz:

(i) partecipazzjoni f’organizzazzjonijiet u assocjazzjonijiet mhux governattivi li ghandhom x’jaqsmu mal-hajja pubblika u politika tal-pajjiz, u f’attivitajiet u l-amministrazzjoni ta’ partiti politici;

(ii) jiffurmaw u jinghaqdu ma’ organizzazzjonijiet ta’ persuni b’dizabilita’ biex jirrapprezentaw persuni b’dizabilita’ fil-livelli internazzjonali, nazzjonali, regjonali u lokali.

**Artiklu 30**
**Il-partecipazzjoni fil-hajja kulturali, ir-rikreazzjoni, id-divertiment u l-isport**

1. L-Istati Msiehba jaghrfu d-dritt ta’ persuni b’dizabilita’ li jiehdu sehem fuq bazi ugwali ma’ l-ohrajn fil-hajja kulturali, u ghandhom jiehdu mizuri xierqa biex jassiguraw li persuni b’dizabilita’:

(a) Igawdu l-access ghal materjal kulturali f’formati accessibbli;

(b) Igawdu programmi televizivi, films, teatru u attivitajiet kulturali, f’formati accessibbli;

(c) Igawdu access ghal postijiet fejn isiru attivitajiet jew servizzi kulturali, bhal ma huma teatri, muzewijiet, cinema, libreriji u servizzi turistici, u sa fejn hu possibbli, igawdu access ghal monumenti u siti ta’ importanza kulturali u nazzjonali.

2. L-Istati Msiehba ghandhom jiehdu mizuri xierqa li jghinu persuni b’dizabilita’ biex ikollhom l-opportunita’ li jizviluppaw u jutilizzaw il-kreattivita’, il-potenzjal artistiku u intellettwali taghhom, mhux biss ghall-beneficcju taghhom infushom, imma wkoll biex is-socjeta’ tkun aktar rikka.

3. L-Istati Msiehba ghandhom jiehdu l-mizuri xierqa kollha, skond il-ligi internazzjonali, biex jassiguraw li l-ligijiet li jipprotegu d-drittjiet dwar il-propjeta’ intellettwali ma jikkostitwixxux ostakli mhux ragonevoli u diskriminatorji biex persuni b’dizabilita’ jaccessaw materjal kulturali.

4. Persuni b’dizabilita’ ghandhom ikunu intitolati, fuq bazi ma’ l-ohrajn, ghall-gharfien u s-sapport ta’ l-identita’ lingwistika u kulturali specifika, inkluz il-lingwi tas-sinjali u l-kultura tat-torox.

5. Bil-ghan li tghin persuni b’dizabilita’ jippartecipaw, fuq bazi ugwali ma’ l-ohrajn, f’attivitajiet ta’ divertiment u sportivi, l-Istati Msiehba ghandhom jiehdu mizuri xierqa:

(a) Biex jinkoraggixxu u jippromovu l-akbar partecipazzjoni possibbli ta’ persuni b’dizabilita’ f’attivitajiet sportivi *mainstreamed f’* kull livell;

(b) Biex jassiguraw li l-persuni b'dizabilita' jkollhom l-opportunita' jorganizzaw, jizviluppaw u jippartecipaw f'attivitajiet sportivi u ta' divertiment specifici u, ghal dan il-ghan, jinkoraggixxu l-provediment, fuq bazi ugwali ma' l-ohrajn, l-istruzzjoni, it-tahrig u r-rizorsi xierqa;

(c) Biex jassiguraw li persuni b'dizabilita' jkollhom access ghal postijiet fejn isiru attivitajiet sportivi, ta' divertiment u turistici;

(d) Biex jassiguraw li t-tfal f'dizabilita' jkollhom access ugwali ma' tfal ohra biex jippartecipaw fil-loghob u attivitajiet rikreattivi u ta' divertiment u ta' l-isport, inkluz attivitajiet li jsiru fl-iskejjel.

(e) Biex jassiguraw li persuni b'dizabilita' jkollhom access ghal servizzi minn dawk involuti fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet rikreattivi, turistici, ta' divertiment u sportivi.

**Artiklu 31**
**L-istatistika u l-gbir ta' l-informazzjoni**

1. L-Istati Msiehba ghandhom jigbru informazzjoni xierqa, inkluz statistika u dejta ta' ricerka, biex tghinhom jifformulaw u jimplimentaw *policies* biex idahhlu fis-sehh din il-Konvenzjoni. Il-process tal-gbir u z-zamma ta' l-informazzjoni ghandu:

(a) Jikkonforma ma' salvagwardji stabbiliti legalment, inkluz il-legizlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta, biex jassiguraw il-kunfidenzjalita' u r-rispett ghall-privatezza ta' persuni b'dizabilita';

(b) Jikkonforma ma' normi internazzjonali accettabbli biex jipprotegu d-drittijiet umani, il-libertajiet fundamentali u l-principji etici dwar il-gbir u l-uzu ta' l-istatistika.

2. L-informazzjoni migbura skond dan l-artiklu ghandha tkun imqassma kif xieraq, u tintuza biex tghin fl-assessjar ta' l-implimentazzjoni ta' l-obbligazzjonijiet ta' l-Istati Msiehba skond din il-Konvenzjoni u biex jigu identifikati u indirizzati l-ostakli li persuni b'dizabilita' jiffaccjaw biex jezercitaw id-drittijiet taghhom.

3. L-Istati Msiehba ghandhom jassumu r-responsabilita' ghat-tqassim ta' din l-istatistika u jassiguraw l-accessibilita' taghha minn persuni b'dizabilita' u ohrajn.

**Artiklu 32**
**Il-koperazzjoni internazzjonali**

1. L-Istati Msiehba jaghrfu l-importanza tal-koperazzjoni internazzjonali u l-promozzjoni taghha, biex tissapportja l-isforzi nazzjonali halli jitwettqu l-ghanijiet u l-obbjettivi ta' din il-Konvenzjoni, u li jiehdu mizuri xierqa u effettivi f'dan ir-rigward, bejn u fost l-Istati u, kif inhu xieraq, bi shab ma' organizzazzjonijiet relevanti regjonali u internazzjonali u s-socjeta' civili, b'mod partikulari organizzazzjonijiet ta' persuni b'dizabilita'. Dawn il-mizuri jistghu, inter alia:

(a) Jassiguraw li l-koperazzjoni internazzjonali, inkluz programmi ta' zvilupp internazzjonali, ikunu inkluzivi u accessibbli ghal persuni b'dizabilita';

(b) Jiffacilitaw u jissapportjaw il-kapacita' li jizviluppaw lilhom infushom, inkluz permezz ta' skambju u qsim ta' informazzjoni, esperjenzi, programmi ta' tahrig u l-ahjar prattiki.

(c) Jiffacilitaw il-koperazzjoni fir-ricerka u l-access ghal taghrif xjentifiku u tekniku;

(d) Jipprovdu, skond kif inhu xieraq, assistenza teknika u ekonomika, inkluz billi jiffacilitaw l-access u l-qsim ta' teknologiji assistivi u accessibbli u permezz ta' trasferiment  ta' teknologiji.

2. Il-provedimenti ta' dan l-artiklu huma bla pregudizzju ghall-obbligazzjonijiet li kull Stat ghandu biex jilhaq l-obbligazzjonijiet tieghu skond din il-Konvenzjoni.

**Artiklu 33**

**L-implimentazzjoni u l-moniteragg nazzjonali**

1. L-Istati Msiehba, skond is-sistemi organizzattivi taghhom, ghandhom jahtru centru wiehed jew aktar fi hdan il-gvern ghal affarijiet relatati ma' l-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, u ghandhom jaghtu konsiderazzjoni xierqa lit-twaqqif u l-hatra ta' mekkanizmu kordinattiv biex jiffacilita azzjoni relatata mas-setturi differenti u livelli differenti.

2. L-Istati Msiehba ghandhom, skond is-sistemi legali u amministrattivi taghhom, izommu, isahhu, jahtru u jwaqqfu fi hdan l-Istat lmsieheb, qafas, inkluz mekkanizmu indipendenti wiehed jew aktar, skond kif inhu xieraq, biex jippromovu, jipprotegu u jimmoniterjaw l-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni. Meta jahtru jew iwaqqfu dan il-mekkanizmu, l-Istati Msiehba ghandhom jiehdu konsiderazzjoni tal-principji relatati ma' l-istatus u l-funzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet nazzjonali ghall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet umani.

3. Is-socjeta' civili, b'mod partikulari l-persuni b'dizabilita' u l-organizzazzjonijiet rapprezentattivi taghhom, ghandhom ikunu involuti u jippartecipaw b'mod shih fil-process ta' moniteragg.

**Artiklu 34**
**Il-Kumitat dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Dizabilita'**

1. Ghandu jitwaqqaf Kumitat dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Dizabilita' (hawnhekk riferut bhala "il-Kumitat") li ghandu jwettaq il-funzjonijiet hawnhekk imsemmija.

2. Il-Kumitat ghandu jkun maghmul, fiz-zmien meta din il-Konvenzjoni tidhol fis-sehh, minn tnax-il espert. Wara li jkun hemm 60 ratifika jew dhul addizzjonali tal-Konvenzjoni, in-numru tal-membri tal-Kumitat ghandu jizdied b'sitt membri, biex jilhaq il-massimu ta' tmintax-il membru.

3. Il-membri tal-Kumitat ghandhom iservu fuq il-kapacita' personali taghhom u ghandhom ikunu ta' reputazzjoni morali gholja u ta' kompetenza u esperjenza rikonoxxuta fil-qasam kopert minn din il-Konvenzjoni. Meta jinnominaw il-kandidati taghhom, l-Istati Msiehba jkunu mistiedna jaghtu konsiderazzjoni lill-provediment li hemm f'artiklu 4.3 ta' din il-Konvenzjoni.

4. Il-membri tal-Kumitat ikunu eletti mill-Istati Msiehba; tinghata konsiderazzjoni ghal distribuzzjoni geografika ekwa, rapprezentanza ta' forom differenti ta' civilizzazzjoni u ghas-sistemi principali legali, rapprezentazzjoni bilancata bejn is-sessi, u partecipazzjoni minn esperti b'dizabilita'.

5. Il-membri tal-Kumitat ghandhom ikunu eletti b'vot sigriet minn lista ta' pesuni nominati mill-Istati Msiehba minn fost il-persuni nazzjonali taghhom waqt laqghat tal-Konferenza ta' l-Istati Msiehba. F'dawn il-laqghat, li ghalihom zewg terzi ta' l-Istati Msiehba ghandhom jikkostitwixxu kworum, il-persuni eletti ghall-Kumitat ghandhom ikunu dawk li jgibu l-akbar numru ta' voti u maggoranza assoluta tal-voti tar-rapprezentanti ta' l-Istati Msiehba prezenti u li vvutaw.

6. L-elezzjoni inizjali ghandha tinzamm mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data tad-dhul fis-sehh ta' din il-Konvenzjoni. Ta' l-anqas erba' xhur qabel id-data ta' kull elezzjoni, is-Segretarju Generali tal-Gnus Maghquda ghandu jindirizza ittra lill-Istati Msiehba biex jistidinhom jissottomettu nominazzjoniet fi zmien xahrejn. Is-Segretarju Generali ghandu sussegwentement jipprepara lista f'ordni alfabetika tal-persuni hekk nominati, li tindika l-Istati Msiehba li nnominawhom, u ghandu jissottometti din il-lista lill-Istati Msiehba ta' din il-Konvenzjoni.

7. Il-Membri tal-Kumitat ghandhom ikunu eletti ghal terminu ta' erba' snin. Huma ghandhom ikunu eligibbli biex jergghu jikkontestaw darba ohra. Madanakollu, it-terminu ta' sitt membri eletti fl-ewwel elezzjoni ghandu jiskadi wara sentejn; immedjatament wara l-ewwel elezzjoni, l-ismijiet ta' dawn is-sitt membri ghandhom jintghazlu bil-polza mic-cermen tal-laqgha, li hemm riferenza ghalih f'paragrafu 5 ta' dan l-artiklu.

8. L-elezzjoni tas-sitt membri addizzjonali tal-Kumitat ghandha tinzamm fl-okkazjoni ta' elezzjonijiet regolari, skond il-provedimenti relevanti ta' dan l-artiklu.

9. Jekk membru tal-Kumitat imut jew jirrizenja jew jiddikjara ghal xi raguni ohra li hu jew hi ma tistax tkompli taqdi d-dmirijiet tieghu jew taghha, l-Istat Imsieheb li jkun innomina l-membru ghandu jahtar espert iehor li jippossedi l-kwalifiki u li jilhaq r-rekwiziti kif imnizzla fil-provedimenti relevanti ta' dan l-artiklu, biex iservi ghall-bqija tat-terminu.

10. Il-Kumitat ghandu jistabilixxi r-regoli tal-procedura tieghu stess.

11. Is-Segretarju Generali tal-Gnus Maghquda ghandu jipprovdi l-istaff u l-facilitajiet necessarji biex il-Kumitat ikun jista' jaqdi b'mod effettiv il-funzjonijiet tieghu skond din il-Konvenzjoni u ghandu jlaqqa' l-laqgha inizjali tieghu.

12. Bl-approvazzjoni ta' l-Assemblea Generali, il-membri tal-Kumitat imwaqqaf skond din il-Konvenzjoni ghandhom jircievu remunerazzjoni mir-rizorsi tal-Gnus Maghquda skond it-termini u l-kundizzjonijiet li l-Assemblea tista' tiddeciedi, waqt li tiehu konsiderazzjoni ta' l-importanza tar-responsabilitajiet tal-Kumitat..

13. Il-Membri tal-Kumitat ghandhom ikunu intitolati ghal facilitajiet, privileggi u immunitajiet ta' esperti fuq missjoni ghall-Gnus Maghquda, kif imnizzla fit-taqsimiet relevanti tal-Konvenzjoni dwar il-Privileggi u l-Immunitajiet tal-Gnus Maghquda.

**Artiklu 35**
**Ir-rapporti mill-Istati Msiehba**

1. Kull Stat Imsieheb ghandu jissottometti lill-Kumitat, permezz tas-Segretarju Generali tal-Gnus Maghquda, rapport komprensiv dwar il-mizuri mehuda biex jimplimentaw l-obbligazzjonijiet skond din il-Konvenzjoni u dwar il-progress li jkun sar f'dan ir-rigward, fi zmien sentejn mid-dhul fis-sehh ta' din il-Konvenzjoni ghall-Istat Imsieheb koncernat..

2. Wara dan, l-Istati Msiehba ghandhom jissottomettu rapporti sussegwenti ta' l-anqas kull erba' snin u aktar kull meta il-Kumitat hekk jitlob.

3. Il-Kumitat ghandu jiddeciedi kull linji gwida applikabbli ghall-kontenut tar-rapporti.

4. Stat Imsieheb li jkun issottometta rapport inizjali komprensiv lill-Kumitat m'ghandux bzonn, fir-rapport ta' wara, jirrepeti informazzjoni li jkun ipprovda qabel. Meta jkunu qed jippreparaw rapporti lill-Kumitat, l-Istati Msiehba huma mistiedna jikkunsidraw li jaghmlu dan b'process miftuh u trasparenti u li jaghtu konsiderazzjoni xierqa lill-provediment li hemm f'artiklu 4.3 ta' din il-Konvenzjoni.

5. Ir-Rapporti jistghu jindikaw fatturi u diffikultajiet li jaffettwaw il-grad tal-qadi ta' l-obbligazzjonijiet skond din il-Konvenzjoni.

**Artiklu 36**
**Il-konsiderazzjoni tar-rapporti**

1. Kull rapport ghandu jkun ikkunsidrat mill-Kumitat, li ghandu jaghmel dawk is-suggerimenti u rakkomandazzjonijiet generali fuq ir-rapport kif ihoss xieraq u ghandu jibghathom lill-Istat Imsieheb ikkoncernat. L-Istat Imsieheb jista' jirrispondi b'kull informazzjoni li jaghzel, lill-Kumitat. Il-Kumitat jista' jitlob ghal aktar informazzjoni mill-Istat Imsieheb relevanti ghall-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni.

2. Jekk Stat Imsieheb jittardja sew biex jissottometti rapport, il-Kumitat jista' jinnotifika lill-Istat Imsieheb koncernat dwar il-bzonn li jezamina l-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni f'dak l-Istat Imsieheb, fuq il-bazi ta' l-informazzjoni li l-Kumitat ikollu, jekk ir-rapport relevanti ma jkunx sottomess fi zmien tliet xhur wara n-notifika. Il-Kumitat ghandu jistieden l-Istat Imsieheb

koncernat biex jippartecipa f'dan l-ezami. Jekk l-Istat Imsieheb iwiegeb billi jissottometti r-rapport relevanti, il-provedimenti ta' paragrafu 1 ta' dan l-artiklu ghandhom japplikaw.

3. Ir-rapporti kollha ta' l-Istati Msiehba ghandhom ikunu disponibbli minghand is-Segretarju Generali tal-Gnus Maghquda.

4. L-Istati Msiehba ghandhom jaghmlu r-rapport taghhom disponibbli b'mod wiesa' lill-pubbliku fil-pajjizi taghhom stess u jiffacilitaw l-access ghas-suggerimenti u r-rakkomandazzjonijiet generali relatati ma' dawn ir-rapporti.

5. Il-Kumitat ghandu jghaddi, kif jidhirlu xieraq, lill-agenziji specjalizzati, fondi u programmi tal-Gnus Maghquda, u entitajiet ohra kompetenti, rapporti minn Stati Msiehba biex jigu indirizzati talbiet jew indikazzjoniet ghal bzonn ta' assistenza jew parir tekniku li jkun hemm fihom, flimkien ma' l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat, jekk ikun hemm, dwar dawn it-talbiet jew indikazzjonijiet.

**Artiklu 37**
**Il-koperazzjoni bejn l-Istati Msiehba u l-Kumitat**

1. Kull Stat Imsieheb ghandu jikkopera mal-Kumitat u jassisti l-membri tieghu biex iwettqu l-mandat taghhom.

2. Fir-relazzjoni ma' l-Istati Msiehba, il-Kumitat ghandu jaghti konsiderazzjoni xierqa lill-modi u l-mezzi biex isseddaq il-kapacitajiet nazzjonali ghall-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, inkluz permezz ta' koperazzjoni internazzjonali.

**Artiklu 38**

**Ir-relazzjoni tal-Kumitat ma' entitajiet ohra**

Biex isseddaq l-implimentazzjoni effettiva ta' din il-Konvenzjoni u tinkoraggixxi l-koperazzjoni internazzjoni fil-qasam kopert minn din il-Konvenzjoni:

a) L-agenziji specjalizzati u organi ohra tal-Gnus Maghquda ghandu jkollhom id-dritt li jkunu rapprezentati fil-kunsiderazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' dawk il-provedimenti ta' din il-Konvenzjoni li jaqghu fi hdan il-mandat taghhom. Il-Kumitat jista' jistieden l-agenziji specjalizzati u entitajiet ohra kompetenti kif jidhirlu xieraq biex jipprovdu parir espert fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni fl-oqsma li jaqghu fi hdan il-mandati rispettivi taghhom. Il-Kumitat jista' jistieden l-agenziji specjalizzati u organi ohra tal-Gnus Maghquda biex jissottomettu rapporti fuq l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni f'oqsma li jaqghu fi hdan l-attivitajiet taghhom;
b) Il-Kumitat, meta jkun qed ihaddem il-mandat tieghu, ghandu jikkonsulta, kif inhu xieraq, ma' entitajiet ohra relevanti mwaqqfa minn trattati internazzjonali dwar id-drittijiet umani, bil-ghan li jassigura l-konsistenza tal-linji gwida ta' rappurtagg, suggerimenti u rakkomandazzjonijiet generali taghhom u biex ma jkunx hemm dupplikazzjoni u xoghol zejjed fit-twettieq tal-hidma taghhom.

**Artiklu 39**
**Ir-rapport tal-Kumitat**

Il-Kumitat għandu jirrapporta kull sentenjn lill-Assemblea Generali u lill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali bl-attivitajiet tiegħu, u jista' jagħmel suġġerimenti u rakkomandazzjonijiet ġenerali bbażati fuq l-eżaminazzjoni tar-rapporti u informazzjoni li jkun irċieva mill-Istati Msieħba. Dawn is-suġġerimenti u r-rakkomandazzjonijiet ġenerali għandhom ikunu inklużi fir-rapport tal-Kumitat flimkien ma' kummenti, jekk ikun hemm, mill-Istati Msieħba.

**Artiklu 40**
**Il-konferenza ta' l-Istati Msieħba**

1. L-Istati Msieħba għandhom jiltaqgħu regolarment f'Konferenza ta' l-Istati Msieħba biex jikkunsidraw kull ħaġa li tirrigwarda l-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni.

2. Mhux aktar tard minn sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, il-Konferenza ta' l-Istati Msieħba għandha titlaqqa' mis-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda. Il-laqgħat ta' wara għandhom jitlaqqgħu mis-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda ta' kull sentejn jew fuq deċiżjoni tal-Konferenza ta' l-Istati Msieħba.

**Artiklu 41**
**Id-depożitarju**

Is-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda għandu jkun id-depożitarju ta' din il-Konvenzjoni.

**Artiklu 42**
**Il-firma**

Din il-Konvenzjoni tkun miftuħa għall-firma mill-Istati kollha u mill-organizzazzjonijiet reġjonali integrati fil-kwartieri tal-Ġnus Magħquda mit-30 ta' Marzu 2007.

**Artiklu 43**
**Il-kunsens biex tkun marbut**

Din il-Konvenzjoni għandha tkun suġġetta għar-ratifikazzjoni minn Stati firmatarji u għal konfermazzjoni formali minn organizzazzjoni reġjonali integrati firmatarji. Għandha tkun miftuħa għad-dħul minn kull Stat jew organizzazzjoni reġjonali integrat li ma jkunx iffirma l-Konvenzjoni.

**Artiklu 44**
**L-Organizzazzjonijiet Reġjonali Integrati**

"Organizzazzjoni reġjonali integrata" għandha tfisser organizzazzjoni kostitwita minn Stati sovrani għal reġjun partikulari, li għalih l-istati membri tiegħu ttrasferew il-kompetenza relatata m'oqsma ggvernati minn din il-Konvenzjoni. Dawn l-

organizzazzjonijiet ghandhom jiddikjaraw, fl-isturmenti ta' konfermazzjoni jew dhul formali, il-grad tal-kompetenza taghhom fl-oqsma ggvernati minn din il-Konvenzjoni. Aktar tard, huma jridu jinfurmaw lid-depozitarju b'kull modifika sinifikanti ghal grad tal-kompetenza taghhom.

2. Referenzi ghal "Stati Msiehba" f'din il-Konvenzjoni ghandhom japplikaw lil dawn l-organizzazzjonijiet fil-limiti tal-komptenza taghhom.

3. Ghall-ghanijiet ta' artiklu 45, paragrafu 1 u artiklu 47, paragrafi 2 u 3, kull strument iddepozitat minn organizzazzjoni regjonali integrata m'ghandux jinghadd.

4. Organizzazzjonijiet regjonali integrati, f'affarijiet li huma fi hdan il-kompetenzi taghhom, jistghu jezercitaw id-dritt taghhom li jivvutaw fil-Konferenza ta' l-Istati Msiehba, b'numru ta' voti ugwali ghan-numru ta' l-Istati membri taghhom li huma Msiehba ghal din il-Konvenzjoni. Organizzazzjoni bhal din ma ghandhiex tezercita d-dritt li tivvota jekk xi membru Stat minn taghha jezercita d-dritt tieghu u vici versa.

**Artiklu 45**
**Id-dhul fis-sehh**

1. Din il-Konvenzjoni ghandha tidhol fis-sehh fit-tlettax-il gurnata wara d-depozitu ta' l-ghoxrin strument ta' ratifika jew dhul.

2. Ghal kull Stat jew organizzazzjoni regjonali integrata li jirrattifkaw, jikkonfermaw formalment jew jidhlu fil-Konvenzjoni wara d-depozitu ta' ghoxrin strument bhal dan, il-Konvenzjoni ghandha tidhol fis-sehh fit-tlettax-il gurnata wara d-depozitu ta' l-isturmenti tieghu stess.

**Artiklu 46**
**Ir-riservi**

1. Riservi inkompattibbli ma' l-objjettiv u l-ghanijiet ta' din il-Konvenzjoni m'ghandhomx jigu permessi.

2. Ir-riservi jistghu jigu rtirati kull hin.

**Artiklu 47**
**L-emendi**

1. L-Istati Msiehba jistghu jipproponu emenda ghal din il-Konvenzjoni u jissottomettuha lis-Segretarju Generali tal-Gnus Maghquda. Is-Segretarju Generali ghandu jikkomunika xi emendi proposti lill-Istati Msiehba, b'talba biex ikun notifikat jekk huma jaqblux li tissejjah konferenza ta' l-Istati Msiehba bil-ghan li tikkunsidra u tiddeciedi dwar il-proposti. F'kaz li, fi zmien erba' xhur mid-data ta' komunikazzjoni bhal din, ta' l-anqas terz ta' l-Istati Msiehba jkunu favur

konferenza bhal din, is-Segretarju Generali ghandu jlaqqa' l-konferenza taht l-awspici tal-Gnus Maghquda. L-emendi li jkunu adottati b'maggoranza ta' zewg terzi ta' l-Istati Msiehba prezenti u li vvutaw ghandhom jigu sottomessi mis-Segretarju Generali lill-Assemblea Generali ghall-approvazzjoni u wara dan lill-Istati Imsiehba kollha ghall-accettazzjoni.

2. Emenda adottata u approvata skond pragrafu 1 ta' dan l-artiklu ghandha tidhol fis-sehh fit-tlettax-il gurnata wara li n-numru ta' strumenti t'accettazzjoni ddepozitati jilhaq zewg terzi tan-numru ta' l-Istati Msiehba fid-data ta' l-addotazzjoni ta' l-emenda. Wara dan, l-emenda ghandha tidhol fis-sehh ghal kull Stat Imsieheb fit-tlettax-il gurnata wara d-depozitu ta' l-istrument ta' adottazzjoni taghha stess. L-emenda ghandha torbot biss lil dawk l-Istati Msiehba li jkunu accettawha.

3. Jekk il-Konferenza ta' l-Istati Msiehba tiddeciedi hekk b'konsensus,, l-emendi adottati u approvati skond paragrafu 1 ta' dan l-artiklu li jittratta eskluzivament artikli 34,38, 39 u 40 ghandhom jidhlu fis-sehh ghall-Istati Msiehba kollha fit-tlettax-il gurnata wara li n-numru ta' strumenti ta' accettazzjoni ddepozitati jilhaq iz-zewg terzi tan-numru ta' l-Istati Msiehba fid-data ta' l-adottazzjoni ta' l-emenda.

**Artiklu 48**

## Id-denunzja

L-Istati Msiehba jistghu jiddenunzjaw din il-Konvenzjoni permezz ta' notifika bil-miktub lis-Segretarju Generali tal-Gnus Maghquda. Id-denunzja ghandha ssir effettiva sena wara d-data minn meta s-Segretarju Generali jkun ircieva n-notifika.

**Artiklu 49**

## Il-formati accessibbli

It-test ta' din il-Konvenzjoni ikun jista' jinkiseb f'formati accessibbli.

**Artiklu 50**
**It-testi awtentici**

It-testi ta' din il-Konvenzjoni bl-Gharbi, bic-~iniz, bl-Ingliz, bil-Franciz, bir-Russu u bl-Ispanjol ghandhom jitqiesu bhala awtentici indaqs.

## Protokol Mhux Obbligatorju ghall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Dizabilita'

L-Istati Msiehba ghal dan il-Protokol jaqblu fuq dan li gej:

**Artiklu 1**

1. Stat Imsieheb ghal dan il-Protokol (Stat Imsieheb) jaghraf il-kompetenza tal-Kumitat dwar it-Drittijiet tal-Persuni b'Dizabilita' (il-Kumitat) li jircievi u jikkunsidra komunikazzjonijiet minn u ghan-nom ta' individwi jew gruppi ta' individwi skond il-gurizdizzjoni tieghu, li jsostnu li huma vittmi ta' vjolazzjoni minn Stat Imsieheb tal-providementi ta' din il-Konvenzjoni.

2. Il-Kumitat ma jista' jircievi l-ebda komunikazzjoni jekk din tkun tikkoncerna Stat Imsieheb tal-Konvenzjoni li ma jkunx imsieheb f'dan il-protokol.

**Artiklu 2**

Il-Kumitat ghandu jikkunsidra komunikazzjoni li ma tkunx ammissibbli meta:

(a) Il-komunikazzjoni tkun anonima;

(b) Il-komunikazzjoni tikkostitwixxi abbuz tad-dritt ghas-sottomissjoni ta' dawn il-komunikazzjonijiet jew hi inkompatibbli mal-provedimenti tal-Konvenzjoni;

(c) L-istess tema tkun diga' giet ezaminata mill-Kumitat jew tkun qed tigi ezaminata taht xi procedura ohra ta' investigazzjoni jew ftehim internazzjonali;

(d) Kull rimedju disponibbli lokalment ikun gie ezawrit.. Din m'ghandhiex tkun ir-regola  meta l-applikazzjoni ghar-rimedji tkun imtawla b'mod mhux ragonevoli jew mhux probabbli li twassal ghal konkluzjoni effettiva;

(e) Tkun mhux fondata b'mod car jew mhux sostanzjata b'mod sufficjenti; jew meta

(f) Il-fatti li jkunu s-suggett tal-komunikazzjoni ikunu graw qabel ikun dahal fis-sehh dan il-Protokol ghall-Istat Imsieheb koncernat sakemm dawn il-fatti ma jkunux komplew wara dik id-data.

**Artiklu 3**

Suggett ghall-provedimenti ta' artiklu 2 ta' dan il-protokol, il-Kumitat ghandu b'mod kunfidenzjali jgib ghall-attenzjoni ta' l-Istat Imsieheb kull komunikazzjoni sottomessa lilu. Fi zmien sitt xhur, l-Istat li jkun ircieva xi komunikazzjoni ghandu jissottometti lill-Kumitat spjegazzjonijiet jew stqarrijiet bil-miktub biex jiccara dik it-tema u r-rimedji, jekk ikun il-kaz, li jistghu jkunu ttiehdu minn dak l-Istat.

**Artiklu 4**

1. Kull hin wara li jkun ircieva xi komunikazzjoni u qabel ma jkun iddetermina fuq il-merti, il-Kumitat jista' jittrazmetti ghal konsiderazzjoni urgenti lill-Istat Imsieheb koncernat talba biex l-Istat Imsieheb jiehu mizuri temporanji li jistghu jkunu mehtiega biex jigu evitati danni irreparabbli lill-vittma jew vittimi ta' l-allegata vjolazzjoni.

2. Meta l-Kumitat jezercita d-diskrezzjoni tieghu skond paragrafu 1 ta' dan l-artiklu, dan ma jimplikax id-determinazzjoni dwar l-ammissibilita' jew fuq il-merti tal-komunikazzjoni.

**Artiklu 5**

Il-Kumitat ghandu jzomm laqghat fil-maghluq meta jezamina komunikazzjonijiet skond dan il-Protokol. Wara li jkun ezamina komunikazzjoni, il-Kumitat ghandu jaghmel suggerimenti u rakkomandazzjonijiet, jekk ikun il-kaz, lill-Istat Imsieheb koncernat u lil min ikun ghamel il-petizzjoni.

**Artiklu 6**

1. Jekk il-Kumitat jircievi informazzjoni ta' min jorbot fuqha li tindika vjolazzjonijiet gravi jew sistematici minn Stat Imsieheb dwar id-drittijiet misjuba fil-Konvenzjoni, il-Kumitat ghandu jistieden lil dak l-Istat biex jikkopera fl-ezaminazzjoni ta' l-informazzjoni u ghal dan il-ghan jissottometti osservazzjonijiet dwar l-informazzjoni koncernata.

2. Waqt li tiehu konsiderazzjoni ta' kull osservazzjoni li tista' tigi sottomessa lill-Istat Imsieheb koncernat kif ukoll kull informazzjoni ohra ta' min jorbot fuqha dwarha, il-Kumitat jista' jinkariga membru jew aktar biex jaghmel inkjesta u jirrapporta b'mod urgenti lill-Kumitat. Meta mehtieg u bil-kunsens ta' l-Istat Imsieheb, l-inkjesta tista' tinkludi zjara fit-territorrju tieghu.

3. Wara li jezamina r-rizultati ta' inkjesta bhal din, il-Kumitat ghandu jittrazmetti dak li jkun sab lill-Istat Imsieheb ikkoncernat flimkien ma' kummenti jew rakkomandazzjonijiet.

4. L-Istat Imsieheb koncernat ghandu, fi zmien sitt xhur minn meta jircievi r-rizultati, il-kummenti u r-rakkomandazzjonijiet trazmessi mill-Kumitat, jissottometti l-osservazzjonijiet tieghu lill-Kumitat.

5. Dawn l-inkjesti ghandhom isiru b'mod kunfidenzjali u ghandha tintalab il-koperazzjoni ta' l-Istat Imsieheb f'kull stadju tal-proceduri.

**Artiklu 7**

1. Il-Kumitat jista' jistieden l-Istat Imsieheb koncernat biex jinkludi fir-rapport tieghu, skond artiklu 35 tal-Konvenzjoni, dettalji ta' xi mizuri li jkunu ttiehdu bi twegiba ghall-inkjesta li tkun saret skond artiklu 6 ta' dan il-protokol.

2. Il-Kumitat, jekk mehtieg, wara li jkun intemm il-perjodu ta' sitt xhur li hemm imsemmi f'artiklu 6.4, jistieden l-Istat Imsieheb koncernat biex jinfurmah bil-mizuri li jkunu ttiehdu bi twegiba ghal din l-inkjesta.

**Artiklu 8**

Kull Stat Imsieheb jista', meta jkun se jigi ffirmat jew ratifikat dan il-Protokol jew id-dhul ghalih, jiddikjara li ma jaghrafx il-kompetenza tal-Kumitat kif provdut f'artikli 6 u 7.

**Artiklu 9**

Is-Segretarju Generali tal-Gnus Maghquda ghandu jkun id-depozitarju ta' dan il-Protokol.

**Artiklu 10**

Dan il-Protokol ghandu jinfetah ghall-firma minn Stati firmatarji u organizzazzjonijiet regjonali integrati tal-Konvenzjoni fil-kwartieri tal-Gnus Maghquda fi New York, mit-30 ta' Marzu, 2007.

**Artiklu 11**

Dan il-Protokol ghandu jkun suggett ghar-ratifika minn Stati firmatarji ta' dan il-Protokol li jkunu rratifikaw jew dahlu fil-Konvenzjoni. Dan ghandu jkun suggett ghal konferma formali minn organizzazzjonijiet regjonali firmatarji ghal dan il-Protokol li jkunu formalmet ikkonfermaw jew dahlu f'din il-Konvenzjoni. Dan ghandu jkun miftuh ghad-dhul minn kull Stat jew organizzazzjoni regjonali integrata li jkunu rratifikaw, ikkonfermaw formalment jew dahlu f'din il-Konvenzjoni u ma jkunux iffirmaw il-Protokol.

**Artiklu 12**

1. "Organizzazzjoni Regjonali Integrata" ghandha tfisser xi organizzazzjoni mwaqqfa minn Stati sovrani ta' xi regjun, li lilha l-Istati membri jkunu trasferew il-kompetenza dwar affarijiet iggvernati mill-Konvenzjoni u minn dan il-Protokol. Dawn l-organizzazzjonijiet ghandhom jiddikjaraw, fl-istrumenti tal-konferma formali jew dhul, il-grad tal-kompetenza taghhom f'affarijiet iggvernati mill-Konvenzjoni u minn dan il-Protokol. Imbaghad, huma ghandhom jinfurmaw lid-depozitarju b'kull modifika sostanzjali skond il-kompetenza taghhom.

2. Referenzi ghal "Stati Msiehba" f'dan il-Protokol ghandhom japplikaw ghal dawn l-organizzazzjonijiet fil-limiti tal-kompetenzi taghhom.

3. Ghall-ghanijiet ta' artiklu 13, paragrafu 1 u artiklu 15 paragrafu 2, kull strument iddepozitat minn organizzazzjoni regjonali integrata m'ghandux jinghadd.

4. Organizzazzjoniet Integrati, f'affarijiet li huma fil-kompetenzi taghhom, jistghu jezercitaw id-dritt taghhom li jivvutaw fil-laqghat li l-Istati membri ta' l-Istati Msiehba, b'numru ta' voti ugwali ghan-numru ta' l-Istati membri taghhom li huma

Stati Msiehba f'dan il-Protokol. Organizzazzjonijiet bhal dawn m'ghandhomx jezercitaw id-dritt taghhom li jivvutaw jekk xi Stat Imsieheb jezercita dak id-dritt jew vici versa.

**Artiklu 13**

1.Suggett  ghall-fatt li din il-Konvenzjoni se tidhol fis-sehh, dan il-Protokol ghandu jidhol fis-sehh fit-tlettax-il gurnata wara li jkunu gie ddepozitati l-ghaxar strument ta' ratifika jew dhul.

2. Ghal kull Stat jew organizzazzjoni regjonali integrata li jirratifika, jikkonferma formalment jew jidhol f'dan il-Protokol wara li jkun gie depozitat l-ghaxar strument bhal dan, il-Protokol ghandu jidhol fis-sehh fit-tlettax-il gurnata wara li jkun gie ddepozitat l-istrument tieghu stess.

**Artiklu 14**

1. Riservi inkompatibbli mar-raguni u l-ghanijiet ta' dan il-Protokol ma jistghux jigu permessi.

2. Ir-riservi jistghu jigu rtirati kull hin.

**Artiklu 15**

1. Kull Stat Imsieheb jista' jipproponi xi emenda ghal dan il-Protokol u jissottomettiha lis-Segretarju Generali tal-Gnus Maghquda. Is-Segretarju Generali ghandu jikkomunika kull emenda proposta lill-Istati Msiehba b'talba biex ikun notifikat jekk huma jaqblux li ssir laqgha ta' l-Istati Msiehba bil-ghan li jikkunsidraw u jiddeciedu dwar dawn il-proposti. F'kaz li fi zmien erba' xhur mid-data ta' din il-komunikazzjoni ta' l-anqas terz ta' l-Istati Msiehba jkunu favur din il-laqgha, is-Segretarju Generali ghandu jsejjah din il-laqgha taht l-awspici tal-Gnus Maghquda. Kull emenda approvata minn maggoranza ta' zewg terzi prezenti li jkunu vvutaw tigi sottomessa mis-Segretarju Generali ghall-approvazzjoni u minn hemm 'il quddiem lill-Istati Msiehba biex tigi accettata.

2. Emenda adottata u approvata skond paragrafu 1 ta' dan l-artiklu ghandha tidhol fis-sehh fit-tlettax-il gurnata wara li n-numru ta' strumenti ta' accettazzjoni depozitati jilhaq iz-zewg terzi tan-numru ta' Stati Msiehba fid-data meta l-emenda giet addotta. Minn hemm 'il quddiem, l-emenda ghandha tidhol fis-sehh ghal kull Stat Imsieheb fit-tlettax-il gurnata wara li jkun iddepozita l-istrument ta' accettazzjoni tieghu stess. Kull emenda ghandha torbot  lil dawk l-Istati Msiehba li jaccettawha.

**Artiklu 16**

Stat Imsieheb jista' jiddenunzja dan il-Protokol billi jinnotifika bil-miktub lis-Segretarju Generali tal-Gnus Maghquda. Id-denunzja ghandha ssir effettiva sena wara d-data ta' accettazzjoni tan-notifika mis-Segretarju Generali.

**Artiklu 17**

It-test ta’ dan il-Protokol ghandu jsir f’formati accessibbli.

**Artiklu 18**

It-testi bl-Gharbi, bic-~iniz, bl-Ingliz, bil-Franciz, bir-Russu u bl-Ispanjol ta’ dan il-Protokol ghandhom ikunu awtenici bl-istess mod.

Skond ix-xiehda, il-plenipotenzjarji li l-firma taghhom tidher hawn taht, li ghandhom l-awtorizzazzjoni mehtiega mill-Gvernijiet rispettivi taghhom, iffirmaw dan il-Protokol.